TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 526/10

**Emanuel Stivala**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466), rappreżentanti telf ta' *rebate* fuq sistema ta' *solar water heater.*

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *solar water heater* u minħabba l-fatt li kien hemm dewmien da parte tas-soċjeta' intimata li ma baghtitx id-dokumenti lil Malta Resources Authority, ir-rikorrenti tilef ir-*rebate*.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi kienet tat il-karti kollha lir-rikorrenti u ma jkunux jafu meta tagħlaq il-*grant* u li allura mhuwiex it-tort tagħha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi parti mis-servizz li wieħed iħajjar lir-rikorrenti huwa li għandu *rebate*, u f'dan il-każ hija r-responsabilta' tas-soċjeta' intimata sabiex tassigura li tibgħat il-karti fil-ħin, illi jidher li f'dan il-każ naqset serjament.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888